# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tallum l-Erbgħa 15 ta' Jannar, 2025**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 231/2019 MH**

**Numru: 2K**

**Anthony u Nadine konjuġi Abela u**
**Venues Company Limited (C-27160)**

**vs**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2019**
**ġie kjamat fil-kawża Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tas-27 ta' Novembru 2019** permezz ta' liema ppremettew u talbu –

*"Illi r-rikorrenti Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited appellaw mis-sentenza fl-ismijiet "Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited (C27160) vs. Lombard Bank Malta PLC u Ronald Cordina" -* ***Citazzjoni Numru 694/2011*** *- moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2013 li bih cahdet it-talbiet tal-atturi biex il-Qorti "tiddikjara irriti u nulli l-proceduri ta' subbasta numru 35/11 fl-ismijiet "Lombard Bank Malta PLC vs. Venues Company Limited".*

*Illi r-rikorrenti socjeta' Venues Company Limited appellat mis-sentenza fl-ismijiet "Lombard Bank Malta PLC (C1607) vs. Venues Company Limited (C27160)" -* ***Citazzjoni Numru 229/2014*** *- moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2014 li bih intlaqghet it-talba tal-attur Lombard Bank Malta PLC u s-socjeta Venues Company Limited giet ikkundannata sabiex "fi zmien xahar millum, liema perijodu qed jigi ffissat perentorjament,tizgombra u thalli liberu u vojt favur il-Bank attur il-fond li jgib l-isem 'Villa Madama' fi Triq il-Birbal, Balzan".*

*Illi meta dawn iz-zewg appelli - wiehed preliminari* ***Numru 694/2011*** *u l-iehor dwar l-izgumbrament* ***Numru 229/2014*** *- gew appuntati ghas-smigh mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, is-socjeta' Venues Company Limited ipprezentat Rikors fil-kawza* ***Citazzjoni Numru 229/2014*** *fil-21 ta' Gunju 2019 li bih ressqet dina t-talba:*

*"Ghaldaqstant l-appellanti Venues Company Limited titlob bir-rispett (1) illi l-appell li ghandu jinstema' fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2019 jitmexxa ghal data ohra li tigi wara d-data tal-appell l-iehor fil-kawza 694/2011 u jibqghu jitmexxew hekk; u (2) illi l-appell fil-kawza numru 229/2014 jigi ttrattat wara li jsir maghruf l-ezitu tal-appell fil-kawza numru 694/2011."*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Ottubru 2019 tat is-segwenti provvediment:*

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors;*

*Peress li l-Qorti ma tara ebda raguni biex ma tippronunzjax is-sentenza fit-22 ta' Ottubru 2019;*

*Tichad it-talbiet."*

*Illi b'sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 2019 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza dwar l-izgumbrament mill-fond Villa Madama* **(Citazzjoni Numru 229/2014)** *moghtija fl-20 ta' Mejju 2014.*

*Illi, fil-21 ta' Ottubru 2019, jigifieri, lejliet is-sentenza ta' zgumbrament, l-appell preliminari gie ttrattat u thalla ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2019 - u dan minkejja l-informazzjoni li nghatat mir-rikorrenti lill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tar-rikors tas-26 ta' Gunju 2019, liema rikors lanqas biss giet ordnata n-notifika tieghu lill-kontroparti.*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, minkejja li ngibditilha l-attenzjoni taghha illi kien hemm appell preliminari li kellu necessarjament jigi deciz qabel ma jigi ttrattat u deciz l-appell mis-sentenza finali dwar l-izgumbrament, iddecidiet l-ewwel l-appell mis-sentenza finali dwar l-izgumbrament u b'hekk inkiser id-dritt ghal smigh mill-Qorti tal-Appell stess.*

*Illi l-appell preliminari kien importanti hafna ghar-rikorrenti Anthony u Nadine konjugi Abela u Ventures Company Limited peress illi, fl-ewwel lok, 'Villa Madama' hija l-mezz tal-ghixien taghhom. Fit-tieni lok, l-appell kien jirrigwarda n-nuqqas ta' notifika tal-kumpannija Ventures Company Limited u mill-provi prodotti rrizulta li l-marixxall telaq in-notifika ma' individwu li mhuwiex impjegat ta' Ventures Company Limited. Waqt it-trattazzjoni saret riferenza ghal provvediment iehor moghtija mill-Qorti tal-Appell stess (Digriet tal-10 ta' Ottubru 2017 fic-Citazzjoni Numru 1132/2006) fejn, minkejja li l-att gudizzjarju twassal fl-ufficcju registrat ta' certa kumpannija Scala Developments Company Limited, il-Qorti tal-Appell insistiet li jkun hemm il-prova li l-individwu li mieghu thalla l-att gudizzjarju kien effettivament impjegat ta' dik il-kumpannija ("Il-Qorti; Rat ir-rikors; Titlob lir-rikorrent jesibixxi prova li Matthew Abela huwa impjegat tas-socjeta Scala Developments Co. Ltd."). Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti kienet ikkonkludiet, korrispondentement, illi "Michael Vella qatt ma kien registrat bhala impjegat ta' Venues Limited', u kien dan li ta lok ghall-appell illi n-notifika lil Venues Company Limited kienet nulla. Fit-tieni lok, ghalhekk, b'konsegwenza tan-nuqqas ta' notifika valida, is-subbasta numru 35/2011 kien ikollha tigi kkunsidrata wkoll nulla.*

*Illi l-Qorti tal-Appell tant kienet konxja dwar il-posizzjoni prekarja tar-rikorrenti minhabba li kien hemm Subbasta (Numru 35/2011) imdendla fuqhom, illi b'digriet tad-9 ta' Mejju 2014 (appell 694/11) kienet ipprovdiet hekk:*

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors;*

*Tordna lir-rikorrent jiddikjara jekk fl-atti tas-subbasti sarx xi rikors li bih talab is-sospensjoni tas-subbasta."*

*Illi r-rikorrenti odjerni f'rikors li kienu pprezentaw fil-5 ta' Meiju 2014 (fol. 121 u 122 tal-appell 694/11) kienu ddikjaraw hekk:*

*"Illi fil-frattemp is-socjeta' appellanti ghadha kif giet notifikata bl-anness rikors guramentat (Dok.A) fejn il-bank appellat issa, in segwitu tas-subbasta fuq imsemmija, qed jitlob l-izgumbrament ta' l-istess socjeta' mill-proprjeta' mertu tas-subbasta u li kienet giet liberata favur il-bank.*

*Illi jekk l-appell odjern jigi deciz favur l-appellanti allura l-proceduri tas-subbasta jigu dikjarati nulli u allura l-Lombard Bank Malta PLC ma jibqaghlhomx iktar titolu li a bazi tieghu jistghu jitolbu l-izgumbrament ta' l-esponenti mill-proprjeta.*

*Illi fil-frattemp jekk il-kawza fejn qed jintalab l-izgumbrament taghhom tilhaq tigi deciza favur il-Lombard Bank l-esponent ser isofru pregudizzju kbir anke jekk imbaghad jinghataw ragun fl-aggravji taghhom.*

*Illi ghalhekk huwa fl-interess tal-partijiet kollha illi l-appell fl-ismijiet premessi jigi appuntat u deciz b'urgenza qabel ma tigi deciza finalment il-kawza l-gdida ta' zgumbrament intavolata mill-bank appellat.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta l-appell fl-ismijiet premessi b'urgenza u dan taht il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

*Illi l-appell tar-rikorrenti gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' ';lGunju 2018. Sadanittant, il-kawza li biha Lombard Bank Malta PLC talab l-izgumbrament taghhom minn 'Villa Madama' giet appuntata, mismugha u deciza fl-20 ta' Mejju 2014.*

*Illi fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq imfissra, il-ksur tal-garanzija tad-dritt ghal smigh xieraq ma tistax tkun iktar cara minn hekk, peress illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza ta' zgumbrament istitwita mill-Bank qabel ma ddecidiet l-appell fuq punt preliminari ta' importanza kbira. Il-Qorti tal-Appell ghandha diskrezzjoni insindakabbli f'dak l-istadju.*

*Illi tenut kont ta' dawn il-fatti, ir-rikorrenti qeghdin jipprezentaw* ***kontestwalment rikors ghall-hrug ta' mizura provvizorja b'urgenza*** *sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom qabel ma jigi ezegwit ukoll l-ordni ta' zgumbrament in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ottubru 2019, qabel ma jkun tard wisq.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem; tiddikjara li r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq."*

Rat **ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2019**[1]

permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi qabel xejn ladarba r-rikorrenti qegħdin f'din il-kawża jattakkaw proċeduri ċivili fejn kien hemm involuta wkoll Lombard Bank Malta plc u saħansitra qegħdin jitolbu sabiex ma jiġix imwettaq mandat ta' żgumbrament li jista' jkun mitlub minnha, allura huwa xieraq għall-għanijiet ta' integrità ta' ġudizzju li l-bank ikun parti f'din il-kawża wkoll. Minbarra dan, mill-perspettiva tal-artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa fl-interess tar-rikorrenti stess li jdaħħlu lill-imsemmi bank f'din il-kawża jekk huma jridu li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għall-bank ukoll;*

2. *Illi in limine litis ukoll, Anthony u Nadine Abela ma jistgħux jattakkaw l-imġieba tal-Qorti tal-Appell fil-proċeduri Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14) u dan għaliex il-miżżewġin Abela qatt ma kienu parti f'dawk il-proċeduri. La ma kinux parti f'dawk il-proċeduri, is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2019 (Dok. AG1) ma torbothomx u hija neque nocet neque prodest għalihom (ara Anġelo Xuereb vs. Avukat Ġenerali mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Marzu 2018), b'dana li huma ma jistgħux jilmentaw li huma ġarrbu xi ksur ta' smigħ xieraq. Sa fejn jolqot il-miżżewġin Abela, l-ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq għalhekk ma jistax jiġi mistħarreġ;*

3. *Illi lil hinn minn dan kollu, l-ilment tar-rikorrenti li huma ġarrbu ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq minħabba li l-Qorti tal-Appell qatgħet is-sentenza Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14) dwar it-talba tal-iżgumbrament tal-kumpannija Venues Company Limited, qabel ma nqatgħet is-sentenza Anthony*

[1] Fol 9 et seq

*Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011) dwar l-eżegwibbilità tat-titlu eżekuttiv miksub minn Lombard Bank p.l.c., huwa għalkollox ħażin. Is-soprasessjoni ta' kawża hija fakoltà tal-Qorti u mhux jedd awtomatiku mħares bil-Konvenzjoni Ewropea tal-parti li titlobha;*

4. *Illi kif tgħallimna l-ġurisprudenza tagħna, qorti b'setgħat kostituzzjonali kemm jista' jkun m'għandhiex tindaħal kif qorti oħra tkun iddeċidiet talba għal soprasessjoni, sakemm ma jintweriex li dik il-qorti ċivili tkun imxiet b'mod irregolari jew ħadet deċiżjoni manifestament żbaljata (ara Joseph Portelli vs. Onor. Prim Ministru et maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Novembru 1993 u Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2017);*

5. *Illi fil-każ tagħna ma jirriżultax li l-Qorti tal-Appell Appell fil-proċeduri Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14) eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha, li ma tilqax it-talba għas-soprassessjoni, b'mod ħażin. Ibda biex, mhux minnu dak li jgħidu r-rikorrenti fir-rikors konvenzjonali tagħhom li l-appell mis-sentenza Anthony Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011) kien wieħed ta' sura preliminari. Is-sentenza appellata ma kinitx waħda parzjali iżda finali għaliex laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Bank u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent (ara Dok. AG2);*

6. *Illi minbarra dan, is-soprassessjoni fil-kawża tal-iżgbumbrament ma kinitx indikattiva meta wieħed iqis: (i) li l-bank kien sar sid tal-proprjetà inkwistjoni wara li kiseb titlu eżekuttiv, ħareġ mandat ta' qbid u nieda proċess ta' irkant ġudizzjarju li ma ġiex sospiż jew b'xi mod imwaqqaf mir-rikorrenti; (ii) li t-titlu eżekuttiv tal-Bank kien igawdi minn preżunzjoni bil-liġi li huwa validu sakemm jintwera l-kuntrarju; (iii) li sak dakinhar ma kienx hemm sentenza li tgħid li dak it-titlu eżekuttiv ma setax jiġi eżegwit anzi kien hemm sentenza sub iudice li tgħid il-kontra, viz. li t-titlu eżekuttiv kien jiswa u seta' jiġi eżegwit; (iv) li r-rikorrenti kienu kontumaċi fil-kawża ta' żgumbrament u għalhekk ma ressqux provi biex jegħlbu t-talba tal-bank; (v) li fil-kawża tal-iżgumbrament qatt ma tqajmet id-difiża marbuta mas-siwi tat-titlu eżekuttiv miksub mill-bank u lanqas ma saret talba taħt l-artikoli 402 u/jew 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ikun hemm konnessjoni tal-kawża tal-iżgumbrament*

*mal-kawża dwar is-siwi tat-titlu eżekuttiv; (vi) li d-deċiżjoni fil-kawża tal-iżgumbrament ma kinitx ħa taffettwa l-kawża dwar is-siwi tat-titlu eżekuttiv; u (vi) li dewmien fil-proċess ta' infurzar ta' titlu eżekuttiv seta' jwassal għall-ksur tal-jeddijiet tal-bank kreditur li bħar-rikorrenti wkoll igawdi minn jeddijiet fundamentali;*

7. *Illi f'kull każ, l-ilment konvenzjonali tar-rikorrenti kontra ċ-ċaħda tas-soprassessjoni llum ġie għalxejn, għaliex il-Qorti tal-Appell fil-kawża Anthony Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011) tat sentenza fid-29 ta' Novembru 2019 (Dok. AG3), li biha tenniet li l-bank għandu kull jedd li jesegwixxi t-titlu eżekuttiv kontra r-rikorrenti. Mhux hekk biss iżda l-Qorti tal-Appell qieset ukoll l-appell tar-rikorrenti bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tant li ordnatilhom iħallsu l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn. Jiġi b'hekk, li anke b'lenti retrospettiva meta wieħed iqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom, il-Qorti tal-Appell ġiet li għamlet sew li ma waqqfitx il-proċeduri Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14) sakemm jinqatgħu l-proċeduri Anthony Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011);*

8. *Illi għalhekk meta wieħed iqis dan kollu, joħroġ ċar li l-ilmenti u t-talbiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux biss mhumiex mistħoqqha iżda huma għalkollox fiergħa u maħsuba biss biex jeħlu l-ħin tal-qrati. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ għalhekk jinħass xieraq li din l-Onorabbli Qorti tapplika kontra r-rikorrenti dak li hemm imniżżel fl-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tiċħad it-talbiet tar- rikorrenti, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom."*

Rat **ir-risposta tal-kjamat in kawża Lombard Bank Malta p.l.c tal-10 ta' Diċembru 2019**[2] permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi preliminarjament Anthony u Nadine konjugi Abela ma ghandhom l-ebda interess guridiku biex jintavolaw il-procedura*

[2] Fol 29 et seq

*odjerna stante illi huma la kienu parti fil-procediment bin-numru 229/2014 u lanqas ma ghandhom l-ebda sehem jew interess fil-propjeta' maghrufa bhala 'Villa Madama' bin-numru ufficjali 160 fi Triq Birbal, Hal Balzan bl-anness gnien b'dahla fi Triq Idmejda u ghalhekk l-ezitu tal-kawza numru 694/2011 in relazzjoni ghall-evizzjoni mill-imsemmi fond ma seta' jolqot bl-ebda mod lill-imsemmija Anthony u Nadine konjugi Abela. Certament ghalhekk illi Anthony u Nadine konjugi Abela ma jistghu jillanjaw minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif premess fir-rikors;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-atturi ma jistghu jillamentaw minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom stante illi kemm il-proceduri fil-kawza 694/2011 kif ukoll dawk fil-kawza 229/2014 tmexxew b'rispett lejn il-principji ta' smiegh xieraq. Is-soprasessjoni ta' kawza pendenti l-ezitu ta' kawza ohra m'hijiex ammessa fl-ordinament guridiku Malti hlief fil-kaz tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hija mizura eccezzjonalissima ghaliex tinterferixxi mal-obbligu tal-Qorti li tiddeciedi l-kawza li jkollha quddiemha fi zmien ragjonevoli (ara Imhallef Dr Anton Depasquale vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Gunju 2001). Ghalhekk il-Qorti tal-Appell ma wettqet ebda ksur tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti billi f'kawza civili ma stennietx l-ezitu ta' kawza civili ohra separata u distinta. Li hu zgur huwa illi mill-assjem tal-proceduri, jigifieri kull wahda minn dawn iz-zewg kawzi mehuda as a whole, kemm il-kawza 694/2011 u kemm dik 229/2014 gew immexxija b'mod konsonu mar-rispett lejn il-principji ta' smiegh xieraq. Jigi rilevat illi l-atturi f'din il-kawza ma huma qed jippuntaw subghajhom lejn ebda allegat nuqqas tal-Qorti fir-rigward tal-proceduri singoli li kellha quddiemha izda jghidu li l-Qorti naqset li tonora d-dettami ta' smiegh xieraq ghaliex ma ghazlitx li tistenna l-ezitu ta' kawza ohra, haga li kienet tinkorri lil dik il-Qorti stess f'dilungar inutli li minnu nnifsu kien jikser il-principji ta' smiegh xieraq. Meta wiehed ihares kemm lejn il-procedura numru 694/2011 u kemm lejn dik numru 229/2014 isib li 'the proceedings taken as a whole were fair, kif thobb tpoggiha I-Qorti Ewropea fi Strasburgu, u ghalhekk ma hemm ebda lok ghal xi sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi;*

3. *Illi fi kwalsijasi kaz ukoll jigi rilevat illi mhux minnu li l-allegat nuqqas tal-Qorti fil-kawza 229/2014 li tistenna I-ezitu tal-kawza 694/2011 wassal ghal xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi u dan ghaliex eventwalment iz-zewg kawzi gew decizi u f'dik numru*

*694/2011 instab illi ma kien hemm xejn irregolari bin-notifika u ghalhekk finalment l-ezitu tal-kawza 694/2011 ma kien ser jaghmel l-ebda differenza ghall-ezitu tal-kawza l-ohra numru 229/2014, u ghalhekk huwa ben ovvju li r-rikorrenti ma soffrew ebda pregudizzju bil-fatt li I-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza numru 229/2014 qabel ma ddecidiet dik numru 694/2011. Huwa evidenti illi I-Qorti li ddecidiet il-kawza dwar il-validita' tan-notifika waslet ghall-konkluzjonijiet taghha b'mod oggettiv u hija finali, u ghalhekk is-sitwazzjoni li jghidu li bezghu minnha r-rikorrenti (u cioe' li setghu gew zgumbrati bis-sahha ta' subbasta li sussegwentement setghet irrizultat li kienet potenzjalment nulla) evidentement ma gratx u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jghidu li huma gew b'xi mod ippregudikati. II-mertu taz-zewg kawzi assolutament ma kien jincidi bl-ebda mod wiehed fuq I-iehor (jigifieri I-punt li kellha tiddeciedi I-Qorti f'kawza minnhom ma kienx jiddependi minn xi punt li jrid jigi deciz f'kawza Ohra); I-uniku haga li jillanjaw minnha r-rikorrenti hija dwar is-sekwenza li fiha ttiehdu z-zewg decizjonijiet. Illum jirrizulta li I-kawza numru 694/2011 giet definittivament deciza kontra d-debituri u ghalhekk il-liberazzjoni tal-fond bis-sahha tas-sub hasta ma giet bl-ebda mod affettwata. Kwindi huwa car illi r-rikorrenti ma soffrew I-ebda oltragg lejn id-drittijiet fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq billi llum huwa maghruf li I-ezitu tal-kawza 694/2011 ma ghamel I-ebda differenza ghall-izgombru u ghalhekk ma hemm xejn x'josta I-ordni ta' zgumbrament li giet ikkonfermata fil-kawza numru 229/2014. Li jfisser ukoll illi llum il-gurnata ma fadal ebda Skop ghall-kawza odjerna, in vista tal-ezitu tal-kawza numru 694/2011;*

4. *Illi ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija, minn hawn ghandu jirrizulta bic-car kemm il-kawza odjerna, intavolata jumejn qabel id-decizjoni fil-kawza 694/2011, hija addirittura wahda frivola u vessatorja, intiza biss biex tiddilunga ghall-ennezima darba I-ezekuzzjoni tentata mill-Bank esponent u biex tfixkel lill-istess Bank fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, u ma ghandux ikun li parti tithalla tabbuza mill-proceduri gudizzjarji b'dan il-mod, specjalment dawk ta' indole Kostituzzjonali u Konvenzjonali. L-esponenti jfakkru li diga' gie ppronunzjat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 229/2014 illi I-appell tad-debituri f'dawk il-proceduri kien frivolu u vessatorju, u din il-kawza tidher li hija biss stratagemma ohra intiza biex tiddilunga inutilment il-kors tal-gustizzja;*

5. *Illi li kieku riedu verament jiehdu azzjoni, ir-rikorrenti messhom u kellhom kull opportunita' li jaghmlu dan fi stadju aktar bikri. Senjatament jigi rilevat illi li kieku riedu r-rikorrenti kellhom kull opportunita' biex din il-kawza jintavolawha wara li inghata d-digriet mill-Qorti tal-Appell (fejn giet michuda t-talba biex I-appell 229/2014 jigi deciz wara I-iehor numru 694/2011) izda qabel ma nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 229/2014. Izda r-rikorrenti ma ghamlux hekk. L-esponenti xorta wahda jtennu li rrikorrenti ma ghandhom ebda bazi biex jirnexxu fit-talbiet taghhom fil-kawza odjerna, izda I-fatt li din il-kawza ma saritx* <u>*qabel*</u> *ma nqata' I-appell numru 229/2014 jkompli jissottolinea I-frivolozita' u I-vessatorjeta' tat-talbiet odjerni, apparti I-fatt illi jekk ir-rikorrenti ma agixxewx fiz-zmien propizju mela allura imputet sibi. Jigi sottolineat ulterjorment illi r-rikorrenti intavolaw din il-kawza jumejn biss qabel ma kellha tigi deciza I-kawza numru 694/2011. Evidentement jekk dik il-kawza kellha tigi deciza kontra taghhom (kif fil-fatt eventwalment gara) ir-rikorrenti ma kien ikollhom I-ebda bazi biex jintavolaw procedura bhal din wara li jigi deciz I-appell numru 694/2011 kontra taghhom, u ghall-esponenti I-fatt li din il-kawza saret jumejn qabel id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 694/2011 ikompli jindika I-animu vessatorju tar-rikorrenti billi bil-kawza odjerna giet introdotta procedura ohra semplicement biex jitwal iz-zmien u I-Bank jerga' jigi mfixkel fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu;*

6. *Illi fi kwalsijasi kaz it-talba tar-rikorrenti fil-kawza 229/2014 biex I-appell jigi deciz wara dak numru 694/2011 giet ikkunsidrata u deciza mill-Qorti tal-Appell stess u dan b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2019. Jekk id-decizjoni mehuda b'dak id-digriet ma ghogbitx lir-rikorrenti b'daqshekk ma jfissirx li ma nghatalhomx smiegh xieraq, u dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu utilizzati bhala xi forma ta' grad ulterjuri ta' appell;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke li kieku s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2019 moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 694/2011 kellha ezitu differenti, u anke li kieku eventwalment b'rizultat ta' dik il-kawza s-sub hasta kellha tigi annullata, evidentement ir-rikorrenti kien ikollhom kull opportunita' li jaghmlu I-proceduri appoziti biex ireggghu lura kull zgombru u jimpunjaw kull att li sar in bazi ghal sub hasta nulla; u propju ghalhekk id-digriet tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Ottubru 2019 huwa san u ma kienx hemm ghalfejn li kawza tigi dilungata ulterjorment*

*biex tistenna l-ezitu ta' kawza ohra. Ma tirrizulta l-ebda mankanza fil-mod kif tmexxiet il-procedura fil-kawza 229/2014 u ghalhekk il-fatt li dik il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza ma jistax jinghad li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, specjalment meta l-ligi kienet tipprovdi rimedji adegwati biex fl-eventwalita' li s-sub hasta tigi annullata (kif kienet l-intiza tar-rikorrenti bil-kawza li huma ghamlu numru 694/2011) huma jkunu jistghu jimpunjaw kull att li jkun sehh bis-sahha ta' sub hasta li sfat annullata;*

8. *Illi fl-ahhar nett u minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, il-Bank esponent m'huwiex l-enti li tiggarantixxi d-drittijiet fundamentali tal-persuni u lanqas ma kiser ebda dritt fundamentali tar-rikorrent u ghalhekk fi kwalsijasi kaz ma ghandux ikun il-Bank esponent li jinstab responsabbli ghal xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi jew li jbati xi spejjez f'dawn il-proceduri. Dan aktar u aktar meta sa issa l-Bank kien ferm kawt u ma ttentax jesegwixxi d-drittijiet tieghu b'mezzi ohra li taghtih il-ligi u qaghad jistenna l-ezitu tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 694/2011;*

9. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li huma sofrew ksur d-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Dan stante li allegatament u għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur, ġew leżi fil-konfront tagħhom il-garanziji tad-dritt għal smiegħ xieraq meta l-Qorti tal-Appell iddeċidiet proċeduri Rik Nru 229/14 fl-*ismijiet Lombard Bank plc vs Venues Company Limited* mingħajr ma stenniet l-eżitu ta' proċeduri oħra wkoll pendenti quddiemha Rik Nru 694/11 fl-ismijiet *Anthony Abela et vs Lombard Bank plc*. Huma qegħdin għalhekk jitlob rimedji effettivi li jagħmlu tajjeb għal tali leżjonijiet.

Minn naħa tagħhom l-intimati, apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, rrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Jirriżulta li –

i. Fl-14 ta' April 2010 Lombard Bank Malta p.l.c. ("Lombard") ippreżenta ittra uffiċjali fil-konfront tas-soċjeta' Venues Company Limited ("VCL") bħala debitur prinċipali u l-konjuġi Anthony u Nadine Abela bħala garanti solidali, li permezz tagħha rrenda titolu eżekuttiv kuntratt ta' self datat it-12 ta' Settembru 2008;

ii. Fis-sena 2011 ġew intavolati quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-proċeduri Rik Nru 694/2011 fl-ismijiet *Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited vs Lombard Bank Malta p.l.c. u Ronald Cordina* permezz ta' liema l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara illi l-ittra ufficjali fuq imsemmija ma gietx notifikata lill-atturi validament skont il-liġi u tiddikjara konsegwentement illi l istess ittra uffiċjali ma tagħtix id-dritt lill-bank konvenut li jesegwixxi t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-kuntratt datat 12 ta' Settembru 2008 iffirmat bejn l-atturi u l-bank konvenut. Konsegwentement talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara irriti u nulli l-proċeduri ta' subbasta numru 35/11 fl-ismijiet *Lombard Bank Malta p.l.c. vs Venues Company Limited* li fil-frattemp kienu ġew appuntati għat-28 ta' Lulju 2011;

iii. L-argument tal-atturi fil-proċeduri Rik Nru 694/11 kien li l-ittra uffiċjali in kwistjoni qatt ma ġiet notifikata lil Anthony u Nadine konjugi Abela stante li r-referti kollha kienu jindikaw "unclaimed" jew "ma fetah ħadd". Sostnew ukoll li lanqas VCL ma ġiet validament notifikata għaliex għalkemm fir-riferta kien hemm indikat li tħalliet f'idejn ċertu Michael Vella [ID 345387(M)], dan ma kienx impjegat ta' VCL u lanqas ma kellu ebda konnessjoni mas-soċjeta' msemmija. Għalhekk,

fil-fehma tal-atturi, l-bank konvenut ma setax jipproċedi b'mandat ta' qbid fuq immobbli in segwitu tal-ittra uffiċjali msemmija;

iv. Minn naħa tiegħu Lombard kien wieġeb fost oħrajn li –

- huwa minnu li Anthony u Nadine Abela ma kinux għadhom ma ġewx notifikati bl-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2010 meta ġew intavolati l-proċeduri għall-bejgħ b'subbasta tal-immobbli bin-numru 35/11, pero' huwa proprju minhabba dan il-fatt li l-istess proċeduri tas-subbasta ġew intavolati korrettement kontra VCL biss u mhux kontra l-garanti solidali Anthony u Nadine konjugi Abela wkoll. Fil-fehma tiegħu, ġaladarba l-proprjeta' mmobbli maqbuda bil-Mandat ta' Qbid "Villa Madama", Birbal Street, Balzan, tappartjeni lil VCL u tenut kont tal-fatt li din is-soċjeta' kienet id-debitriċi prinċipali fir-rigward tal-Bank, in-notifika o meno tal konjuġi Abela li qua garanti solidali ma kinitx neċessarja ghall-fini tal-kostituzzjoni ta' titolu eżekuttiv fil-konfront ta' VCL;
- Il-Bank mexa bil prudenza meta għażel li jipprocedi għall-bejgh b'subbasta ta' proprjeta' wahda biss ipotekata favurih u cioe' l-fond imsemmi Villa Madama, Triq Birbal, Balzan, li tappartjeni

lid-debitur prinċipali VCL, liema soċjeta' ġiet debitament notifikata bl-ittra ufficjali fis-26 ta' Mejju 2010, minflok stenniet li jigu notifikati l-garanti solidali Anthony u Nadine konjugi Abela wkoll, biex b'hekk kien ikun f'pożizzjoni li jipproċedi għall-bejgh b'subbasta tal-proprjeta' tad-debituri garanti solidali wkoll, u dan bi skop li jevita spejjeż legali bla bżonn;

- Fi kwalunkwe każ, il-konjuġi Anthony u Nadine Abela ġew eventwalment notifikati bl-ittra ufficjali surreferita bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni u inoltre, hija nfondata l-allegazzjoni ta' VCL li ma ġietx validament notifikata;

v. B'sentenza datata 13 ta' Novembru 2013, din il-Qorti ddeċidiet li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-atturi wara li kkunsidrat li –

- mill-atti kien jidher li l-ittra ufficjali tal-14 t'April 2010 ġiet notifikata lil VCL mentri l-konjugi Abela baqghu ma gewx notifikati. Wara dan il-proċess, il-Bank ipproċeda bil-bejgħ bis-subbasta ta' proprjeta' tas-soċjeta' Venues;
- Mir-riferta tal-marixxal, l-ittra ufficjali lil VCL ġiet notifikata fl-indirizz Villa Madama, Birbal Street, Balzan, f'idejn certu Michael

Vella li ma jirrizultax li qatt kien reġistrat mal-ETC bħala impjegat tas-soċjeta';

- Madankollu, in vista tax-xhieda mogħtija mill-Marixxall u anke ta' Anthony Abela stess, il-Qorti ma emmnitx il-verżjoni ta' Abela li Michael Vella kien sempliċiment ħabib li nzerta hemm dak il-ħin li mar il-marixxall;
- Inoltre, mhux biss dan Michael Vella qatt ma ttella' jixhed iżda wkoll, Qorti oħra diġa' kellha okkazzjoni tqis din in-notifika f'talba ghas-sospensjoni tal proċeduri tas-subbasta, liema talba giet miċħuda;
- Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti qieset li ma kellhiex tiskarta r riferta tal-marixxal bħala mhux korretta.

vi. L-atturi f'dik il-kawża ntavolaw appell mis-sentenza. Permezz ta' l-uniku aggravju tagħhom l-atturi appellanti sostnew illi l ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet notifikata korrettement lis-soċjeta' appellanti. Skont huma l-provi prodotti kienu juru biċ-ċar li Michael Vella ma kienx impjegat tal-istess soċjeta' appellanti fiż-żmien in kwistjoni u għalhekk ma setax jingħad li l-ittra uffiċjali ġiet validament notifikata lilha. Argumentaw li konsegwentement l-atti konsegwenzjali għal tali ittra huma wkoll nulli.

vii. Fl-ewwel seduta fil-25 ta' Ġunju 2018, dehru biss rappreżentant tal-Bank u d-difensur tiegħu. Peress li l-appellanti baqgħu ma gewx notifikati bl-avviz tas-smigħ u bil-kawtela, l-appell ġie differit sine die;

viii. Wara li ftit xhur wara l-appell ġie riappuntat fil-15 t'Ottubru 2018 u kien hemm żewġ differimenti minħabba ndispożizzjoni ta' wieħed mill-ġudikanti, waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2019 deher Dr Tonio Azzopardi li nforma lill-Qorti li qed jassumi l-atti tal-appellant Anthony Abela. L-appell ġie differit għan-notifika tal-appellant bl-avviż tal-ħlas tal-kawtela ghat-8 t'April 2019;

ix. Eventwalment, it-trattazzjoni orali saret waqt is-seduta tal-21 t'Ottubru 2019 u l-każ ġie differit għas-sentenza;

x. Is-sentenza ngħatat fid-29 ta' Novembru 2019 u l-appell tal-atturi ġie miċħud, anzi ġie dikjarat bħala wieħed frivolu u vessatorju stante li għar-raġunijiet kollha mogħtija f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell qieset li minn analiżi tal-provi kollha prodotti irriżulta biċ-ċar illi n-notifika tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' April 2010 tal-bank konvenut Lombard Bank Malta p.l.c. saret validament u skont il-liġi. Għalkemm Michael Vella – dak li rċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni għan-nom tas-

soċjeta' appellanti – qatt ma kien reġistrat mal-ETC bħala impjegat tagħha, il-Qorti kienet konvinta li kien, fil fatt, jaħdem mal-istess soċjeta'. L-atturi appellanti ġew ordnati jħallsu spejjeż doppji;

xi. Sadanittant, circa tlett snin wara li ġew intavolati l-proċeduri appena msemmija u ċioe fis-sena 2014, infetħet kawża Rik Nru 229/14 fl-ismijiet *Lombard Bank Malta plc vs Venues Company Limited* permezz ta' liema l-bank attur ippremetta li fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita' tal-Qorti fit-22 ta' Mejju 2012 (Subbasta lmmobbli Numru 35/11 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Venues Company Limited) ġie definittivament liberat favur il-Bank attur il-fond li jġib l-isem "Villa Madama" fi Triq il-Birbal, Balzan. Madankollu, minkejja tali liberazzjoni, is-soċjeta' debitriċi eżekutata VCL naqset milli tivvaka l-fond liberat favur il-Bank attur b'mod li baqgħet tokkupah bla titolu. Peress li VCL kienet is-sid tal-fond liberat favur il-Bank attur, permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Marzu 2014, il-Bank attur talab lis-soċjeta' msemmija sabiex tikkonsenjalu l-pussess vakanti ta' l-imsemmi fond fit-terminu hemm indikat. Peress li din baqgħet inadempjenti, il-Lombard talab lill-Qorti tordna lil VCL sabiex f'terminu qasir u perentorju tiżgombra mill-imsemmi fond sabiex dan l-istess fond jaqa' fil-pussess tal-Bank attur bħala liberu u vakanti;

xii. VCL debitament notifikata kienet kontumaċi;

xiii. Wara li rat l-atti u l-provi, l-Qorti laqgħet it-talbiet tal-bank kif dedotti;

xiv. VCL appellat minn din is-sentenza bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti ma tathiex il-fakultà li tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta;

xv. B'sentenza datata 22 t'Ottubru 2019 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell ta' VCL bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

1. **L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali** tirrigwarda l-ħtieġa li jiġi kjamat fil-kawża il-Bank Lombard għal fini ta' ntegrita' tal-ġudizzju.

Peress li effettivament b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2019 dan il-Bank ġie kjamat fil-kawża, **l-eċċezzjoni hija ormai sorvolata u allura l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

2. Skont **l-ewwel eċċezzjoni tal-bank Lombard u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali,** ir-rikorrenti Anthony u Nadine konjuġi Abela m'għandhomx interess ġuridiku sabiex jintavolaw il-proċeduri odjerni stante li fil-fehma tagħhom huma la kienu parti fil-proċeduri Rik Nru 229/14 u lanqas għandhom sehem jew interess fil-proprjeta' in kwistjoni bl-isem Villa Madama u kwindi l-eżitu tal-kawża Rik Nru 694/11 b'rabta mal-iżgumbrament mill-fond ma tirrigwardahomx.

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipproċedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża.

Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

*"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min*

*irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet* **Manche` vs Montebello** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet* **Camilleri vs Sammut** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet* **Cortis vs Bonello** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* **Sammut et noe vs Attard** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* **Borg vs Caruana** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Ignazio Gatt vs Michael Debono et***). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* **Axiaq vs Mizzi noe et** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* **Scolaro vs Bailey** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "***MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera***" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* **Maria Tabone et vs Joseph Schembri***, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*

*L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-**Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin**, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit-28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*

*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih. - Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-eċċezzjonijiet mhumhuex ġustifikati. Huwa minnu li l-konjuġi Abela m'humhiex parti mill-proċeduri Rik Nru 229/14 pero' l-ilment tagħhom huwa proprju mibni fuq il-pretensjoni li, għar-raġunijiet minnhom mogħtija, l-Qorti tal-Appell kien imissha l-ewwel iddeċidiet l-appell Rik Nru 694/11 - li fih l-istess konjuġi huma parti bħala rikorrenti – qabel ma ddeċidiet l-appell Rik Nru 229/14. Isostnu wkoll li l-eżitu tal-każ Rik Nru 694/11 jimpinġi fuq dak tal-każ Rik Nru 229/14.

Għaldaqstant, u rrispettivament minn jekk ir-rikorrenti odjerni għandhomx raġun fil-mertu tal-kawża odjerna, l-Qorti tqis li l-konnessjoni li hemm bejn il-proċeduri Rik Nru 694/11 u dawk Rik Nru 229/14 hija tali li tnissel l-interess ġuridiku meħtieġ a favur il-konjuġi Anthony u Nadine Abela sabiex ikunu parti mill-kawża odjerna.

**Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni tal-bank Lombard u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali ser jiġu miċħuda.**

**<u>Mertu</u>**

L-ilment tar-rikorrenti huwa li b'riżultat tal-fatt li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet il-proċeduri Rik Nru 229/14 qabel il-proċeduri Rik Nru 694/11 ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq ai termini tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Dan stante li fil-fehma tagħhom il-każ Rik Nru 694/11 kienu dawk

il-proċeduri li kellhom jiġu deċiżi l-ewwel għax l-eżitu tagħhom skonthom, kien jimpinġi direttament fuq il-proċeduri tas-subbasta b'dana li f'każ ta' eżitu favorevoli għall-appellanti (allura r-rikorrenti odjerni) il-proċeduri tas-subbasta kienu jiġu dikjarati nulli u bla effett u allura kien jispiċċa t-titolu tal-Lombard li a bażi tiegħu talab l-iżgumbrament tal-appellanti (rikorrenti odjerni) fil-proċeduri l-oħra Rik Nru 229/14.

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

> *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> *"…the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*
>
> *(a) the right of access to the courts*
> *(b) the right to be present to an adversarial hearing*
> *(c) the right to equality of arms*

*(d) the right to a fair presentation of the evidence*
*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement*[3]*."*

Jirriżulta li, meta VCL ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat tal-kawża Rik Nru 229/14, hija ntavolat rikors datat 5 ta' Mejju 2014 quddiem il-Qorti tal-Appell fl-atti tal-każ Rik Nru 694/11 fejn talbitha tappunta b'urġenza l-appell fil-każ Rik Nru 694/11 sabiex dan jiġi deċiż qabel ma tiġi deċiża finlament il-kawża ta' żgumbrament Rik Nru 229/14. Imbagħad b'digriet datat 9 ta Mejju 2014, fl-atti tal-proċeduri fl-appell Rik Nru 694/11, il-Qorti tal-Appell ordnat lir-rkorrenti jiddikjaraw jekk fl-atti tas-subbasti sarx xi rikors li bih intalbet is-sospensjoni tas-subbasti.

Jirriżulta wkoll li fil-kors tal-proċeduri tal-appell ta' dawn iż-żewġ kawżi, VCL preżentat rikors datat 21 ta' Ġunju 2019 fl-atti tal-appell Rik Nru 229/14 permezz ta' liema talbet lill-Qorti sabiex il-kaz imsemmi Rik Nru 229/14 jiġi trattat wara li jsir magħruf l-eżitu tal-appell fil-kawża Rik Nru 694/11. B'digriet datat 16 t'Ottubru 2019 il-Qorti tal-Appell ċaħdet din it-talba stante li ma rat ebda raġuni biex ma tippronunzjax is-sentenza fil-każ Rik Nru 229/14 fit-22 t'Ottubru 2019 kif previst.

[3] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

Fil-fatt, kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, huwa paċifiku li s-sentenza mill-Qorti tal-Appell fil-każ Rik Nru 229/14 ingħatat fit-22 t'Ottubru 2019 filwaqt li s-sentenza fil-każ Rik Nru 694/11 ingħatat fid-29 ta' Novembru 2019.

Għalhekk l-argument tar-rikorrenti huwa li l-Qorti tal-Appell kien imissha ssopprassjedit ellgħat-trattazzjoni tal-każ Rik 229/14 sakemm jiġi deċiż il-każ Rik 694/11.

Magħmula dan ir-riassunt jibda biex jingħad in linea ġenerali li l-Qrati tagħna dejjem użaw kawtela kbira qabel ikkonċedew soprasessjoni f'kawża u dan in vista tar-riperkussjonijiet li din inevitabilment iġġib magħha. Infatti din il-miżura tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali.

Ingħad hekk fil-każ **John Debono et vs Mario Buhagiar et deċiż fil-21 ta' Jannar 2016 -**

> *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi*

*għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*

*Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawżali sejra titwaqqaf;*

*Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien."*

**Imbagħad fil-każ Carmelo Calamatta et vs Mario Darmenia et deċiż fit-12 ta' Novembru 2003 il-Qorti qalet hekk –**

*"Hi ġurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u għandha tiġi dekretata meta din tkun spedjenti ("***George Cassar –vs- Francis Xuereb***", Appell Ċivili, 12 ta' Marzu 1 973). Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawża pendenti quddiem Qorti oħra (fil-każ preżenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) hija tali li d-deċiżjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni preżenti ("***Francesco Galea –vs- Pawlu Galea***", Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955). Dan għar-raġuni, għalkemm mhux neċessarjament ristrett*

*għal din biss, illi jista' jinstab li l-atturi ma għandhomx it-titolu li jippretendu li għandhom jew dan it-titolu huwa vizzjat għal xi waħda miċ-ċirkostanzi mil-liġi prevvista. F'każ bħal dan jekk jinstab li l-impunjattiva tal-kuntratt jew tat-titolu jkollha eżitu favorevoli jiġi li l-atturi fl-istanza l-oħra minnhom promossa, bħal f'dan il-każ, jitilfu l-"locus standi" f'din il-kawża.*

*Minn dan joħroġ ċar illi "s-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza" – "**Joseph Degaetano nomine –vs- Avukat Louis Galea et noe**", Appell Ċivili, 5 ta' Ottubru 1981.*

*Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat għal dawk il-każijiet meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tiġi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni. Ara f'dan is-sens deċiżjoni fl-ismijiet "**Joseph Azzopardi et – vs- Victor Critien pro et nomine**", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 12 ta' April 1962.*

*Tajjeb pero` li jiġi kawtelat illi "s-soprasessjoni minħabba eċċezzjoni, sabiex l-eċċezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'ġudizzju separat, huwa rimedju straordinarju (sottolinejar tal-Qorti), li għalih il-Qorti tirrikorri biss meta hu meħtieġ fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja x'ħin tinqala' xi kwestjoni delikata u ġdida li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-kawża, u fl-istess ħin ma tistgħax tiġi eżaminata fl-istess kawża, jew minħabba n-natura ġuridika tagħha ma jkunx konvenjenti li tiġi eżaminata u deċiża ħlief f'kawża oħra separata li tkun trid tiġi proposta appożitament" – "**Giovanna Cardona –vs - Carmelo Pisani**", Appell Ċivili, 4 ta' Novembru 1957."*

Il-Qorti tqis li:

1. Kif ingħad fil-ġurisprudenza suesposta, normalment it-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf;

2. Huwa minnu li prima facie l-każ Rik Nru 694/11 seta' jitqies li kien jirrigwarda mertu ta' notifika li seta' kellu mpatt fuq l-eżitu tal-proċeduri Rik Nru 229/14. Dan għaliex kif qalu r-rikorrenti, li kieku l-proċeduri Rik 694/11 ġew deċiżi favur tagħhom allura l-Lombard ma kienx jifdallu titolu eżekuttiv li a bażi tiegħu seta' jressaq pretensjoni ta' żgumbrament fil-proċeduri Rik Nru 229/14;

3. Madankollu, sabiex il-Qorti tasal għal deċiżjoni finali, jeħtieġ li tgħarbel lil hinn minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn u tevalwa ċ-ċirkustanzi kif realment seħħew fil-każ:

i) Meta l-Qorti tal-Appell rċeviet it-talba mingħand ir-rikorrenti sabiex tissoprassjedi s-smiegħ fil-każ Rik 229/14, quddiemha kellha diġa' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-każ Rik 694/11 u l-atti l-oħra tal-appell f'dak l-istess każ. Mela l-Qorti tal-Appell diġa' kellha quddiemha biżżejjed atti sabiex tieħu deċiżjoni nfurmata dwar jekk kienx meħtieġ jew le li tilqa' t-talba tar-rikorrenti;

ii) Jiġi sottolineat li m'huwhiex il-kompitu ta' **din** il-Qorti li tidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Appell kienx imissha tilqa' jew le t-

talba għas-soprasessjoni għax dan mhuwhiex appell tat-tielet istanza. **U tkompli iżżid din il-Qorti, kif għamlet f'deċiżjonijiet preċedenti, li għajb li hawn membri tal-avukatura li jixprunaw kawżi kostituzzjonali b'dan l-għan**. Imma l-kompitu tagħha huwa li tevalwa jekk bid-deċiżjoni li ħadet il-Qorti tal-Appell meta ddeċidiet li tagħti s-sentenza fil-każ Rik Nru 229/14 qabel dak Rik Nru 694/11 ikkawżatx għar-rikorrenti preġudizzju tali li jwassal għal ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq kif protett bil-Konvenzjoni;

iii) Il-Qorti tqis li meħudin it-totalita' tal-proċeduri in eżami, ma nħoloqx preġudizzju tali għar-rikorrenti li kkawżalhom il-ksur tad-drittijiet għal smiegħ xieraq għal fini tal-Konvenzjoni u dan għar-ragunijiet kif se jingħad;

iv) Fl-ewwel lok kien hemm distanza ta' biss xahar mill-għoti tas-sentenza fil-każ Rik 229/14 għal dik fil-każ Rik 694/11;

v) Inoltre, mhux biss il-Qorti tal-Appell fiż-żewġ proċeduri ċaħdet l-aggravji tar-rikorrenti odjerni fl-appelli rispettivi, talli dik l-istess Qorti waslet għall-konklużjoni ċara u inekwivoka li fil-proċeduri Rik Nru 694/11- li r-rikorrenti b'tant insistenza pretendew li jiġu deċiżi l-ewwel - kienu dikjarati bħala frivoli u vessatorji;

vi) Tenut kont dan kollu l-Qorti odjerna ma tirriskontra ebda nuqqas ta' rispett għas-smiegħ xieraq tar-rikorrenti f'ebda waħda mill-proċeduri msemmija. Jiġi meqjus ukoll, li matul il-proċeduri kollha, nkluż dawk tal-appell, kull waħda mill-partijiet kellha kull opportunita' li tressaq il-każ tagħha kif sanċit fl-istess artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Xejn mill-elementi elenkati supra tal-artikolu 6 ma ġie miksur, lez jew mhux garantit lil kull parti partċepanti fil-proċeduri.

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti ser tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn kompatibbli ma' dak deċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tiċħad it-tieni eċċezjoni filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

2. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank intimat filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

3. **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**